ANTI POVERTY FORUM
MALTA

*c/o 424 St. Joseph High Road, Sta. Venera SVR 1013 Malta*
*E-mail address: apfmalta@gmail.com*

# RAPPORT ANNWALI GHAS-SENA 2018

Matul l-aħħar sena, APF Malta, kienet strument f 'dak li għandu x jaqsam il-ħidma tagħha kont l-glieda tal-faqar u l-eskluzzjoni soċjali. Kienet sena fejn ippruvajna nħarsu inkunu vuċi għal dawk vulenrabli. Dan sar b' kollaborazzjoni kollettivi mill-membri tal-Forum u l-għaqdiet respettivi tagħhom

Nixtieq nirringrazzja lil kull persuna li tat is-sehem tagħha u l-ħin tagħha biex dan il-platform seta' jaħdem aktar. Kienet sena fejn sibna ħafna koperazzjoni minn naħa tal-membri, stakeholders u l-Gvern Lokali biex naħdmu u nimxu 'l quddiem. Nixtieq nirringrazzja lil dawk il-membri li dejjem emmnu li APF seta' iħalli marka specjali, ma' dawk li naħdmu magħhom u l- NGOs individwali, li ddedikaw il-ħin u l-enerġija tagħhom biex APF Malta setghet tkompli bil-ħidma tagħha. Nixtieq nirrangrazzja lil kull membru ta' dan in-network għall impenn tagħhom f' Malta u anke fil-ħidma tagħna fin-network Ewropej.

## Il-Ħidma tal-APF Malta fl-2018

- Matul l-2018 saru disa' (10) laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv, l-Exco, fejn iddiskutejna diversi temi, diversi problemi li l-ExCo kien għaddej minnu matul is-sena, kif ukoll korrispondenza u laqgħat li xi wħud mill-membri attendew għalihom. L-Exco kien jiltaqa' kull xahar u f'ċerti ċirkustanzi aktar minn darba fix-xahar. Kien hemm ukoll sotto kumitat biex jippreparaw l-konferenza u xogħol ieħor li kien hemm bżonn. Uħud mill-membri attendew ukoll għal xi laqghat oħra kemm f'Malta bħal MUSEC u diversi konferenzi li saru kemm f' Malta u anke fuq livel Ewropej. Hawn nixtieq nirrinagrazzja lis-Sur Joe Bartalo u lil Fr Joe Inguazez li attendaw għal bosta laqgħat tal-EUISG fl-2018
- 
- Fr Edgar Busuttil u s-Sur Joe Bartolo jattendu għal-laqgħat tal-Kumitat Soċjali fi ħdan l-MCESD u jżommuna aġġornati bl-andament ta' dawn il-laqgħat.

- Fost il-laqghat li attendejna u li ħadna sehem fihom mautl l-2018, kien hemm: Seminars organizzati mill-Malta Independent fuq il-faqar, Laqgħat li saru mill-Kumissjoni Ewropeja f' Malta, diversi konferenzi u laqghat

- Matul l-2018 saru wkoll numru ta' laqgħat mill-EAPN, fosthom laqgħat tal-EUISG, laqgħat tal-ExCo tal-EAPN u Strategy Meeting li sar f'Settembru, Jiena flimkien ma Ernest mill-Caritas attendejna għall-laqgha ta' Emmus international u f'settembu Jiena kont elett fil-Beaur ta' EAPN.

- F'Novembru saret il-Konferenza Ewropea People Experiencing Poverty. Għal din il-laqgħa. APF Malta kienet intitolata li jkollha delegazzjoni ta' 3 persuni li qed ibatu l-faqar u persuna li jmexxihom. Jiena ħadt l-inkarigu li jmexxi d-delegazzjoni Malti fi Brussell għal din il-Konferenza. APF Malta bagħtet lill-membri kollha id-dettalji biex jinnominaw persuni li huma jaħsbu li għandhom ikunu parti mill-kontinġent. Kien hemm 3 nomini u ittellgħu Brussel it-tliet persuni nominati. It-tema tal-Konferenza ta' din is-sena kienet *Education to All.* ***Din il-konferenza kienet organizzata tajjeb fejn permezz tagħha nghaqdu man-network il-Fundazzjoni Rise, li hi ipprezentat il-ħidma tagħha f' din il-konferenza.*** Meta ġew lura Malta, id-delegazzjoni Maltija ħadu sehem fi programm tar-radju fejn qasmu din l-esperjenza li kellhom mas-semmiegħa.
- Matul din is-sena ukoll ħadna sehem fil-progett EMIN,li Andre Bonello ħa hsieb biex jagħmel il-rapport u dan il-progett. Kienet sena fejn anke fostna kellna l-Bus ta' EMIN li minhemm hareg il-grupp li jiltaqa' kull 3 xhur biex jiddiskuti s-sitwaszjoni tal-Faqar f' Malta fil-Ministeru għall-Familja u tfal u s-Solidarjeta' Socjali

- F'Dicembru 2018, APF Malta, organizza konferenza nazzjonali, bit-tema DĦUL MINIMU GĦAL ĦAJJA DIĊENTI.. Din saret f'Dar l-Ewropa, l-Belt Valletta b'attendenza numeruża. Għal din il-konferenza attenda Is-Segretarju Parlamenti Anthony Decelis f'isem il-Ministru għall-Familja u tfal u s-Solidarjeta' Socjali l-Onor Mic u s-Shadow Minister l-Onor Ivan Bartolo. L-istess konferenza kienet irrapurtata b'mod estensiv fuq il-mezzi tax-xandir lokali.

- Wara numru ta' laqgħat mal-Kap tal-Programmi ta' Radju RTK, minn Ottubru 2018 erġajna bdejna sensiela ta' programmi tar-Radju. Dan il-programm qed jixxxandar b'mod dirett, nhar ta' Tnejn kull ħmistax fuq Radju RTK. Hawn nixtieq nirringrazzja lil Cynthia Zerafa uChristine Delicata tal-ħidma tagħhom fil-produzzjoni ta' dan il-programm kif ukoll tal-fiduċja biex jerġa jkollna dan il-programm b'mod regolari fuq ir-Radju. Ħajr ukoll lilkom membri tal-APF Malta li meta mitluba dejjem kontu lesti li tattendu ghal dan il-programm.

- Matul dawn l-aħħar xhur kienu diversi persuni mill-APF forum li taw il-kummenti tagħhom fuq il-faqar f'pajjiżna lill-media lokali. Fil-ġurnata iddedikata għal faqar u l-eskluzzjoni soċjali, kienu ntervistati persuni li din is-sena telgħu għal-laqgha tal-People Experiencing Poverty.

- APF Malta matul 2018 ħadmet fuq il-proġett imniedi mill-EAPN tal-*European Minimum Income Network* – EMIN. Għal dan il-proġett kien hemm qbil li l-koordinatur ikun is-Sur Andre Bonello li qed jieħu ħsieb ix-xogħol kollu marbut ma' dan il-proġett. Huwa proġett ibbażat fuq sentejn li jitratta id-dħul minimu.

**Konluzzjoni**

Matul l-2018, APF Malta kompliet taħdem kemm tista' bir-riżorsi disponibbli għaliha biex tkompli twassal il-messaġġ tal-faqar u l-esklużjoni soċjali. Inħoss li bħala Forum qed nissaħħu fid-dinamika ta'

bejnietna u d-diversi organizazzjonijiet membri f'dan il-Forum tassew jarrekkixxu il-hidma li qed inwettqu. Għaldaqstant nixtieq nirringrazzja lilkom membri tal-appoġġ kontinwu tagħkom, biex il-ħidma tagħna tkompli għaddejja.Għandna sena quddiemna li fiha ghad irridu nagħmlu ħafna xogħol. L-għan tagħna hu li din is-sena tħalli frott għall-persuni li qegħdin ibagħtu l-faqar.

Nixtieq nirringrazzja mill-qalb lil kull minn ħadem biex stajna nimxu l-quddiem